MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1785/2001/1

**Catherine u Salvina ahwa Bugeja u b'nota datata is-17 ta' Jannar, 2005, Salvina Bugeja assumiet l-atti tal-kawza minflok Catherine Bugeja stante li din mietet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Paola armla minn Michele Azzopardi u John, Charles, Michael u Catherine ahwa Azzopardi, ulied id-defunt Michele u b'digriet tat-28 ta' Awwissu, 2002, John, Charles, Michael u Catherine Azzopardi assumew l-atti tal-kawza stante l-mewt tal-konvenuta l-ohra Paola armla minn Michele Azzopardi li tigi ommhom**

Il-Qorti,

Illi permezz tac-citazzjoni fuq indikata datata l-15 ta' Novembru, 2001, l-atturi ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi permezz tal-kuntratt datat l-20 ta' Marzu, 1948, in atti tan-Nutar Dottor Francesco Catania, Michele Bugeja, missier u ante kawza tal-atturi, u Michele Azzopardi r-ragel tal-konvenuta Azzopardi u missier il-konvenuti l-ohra, kienu xtraw minghand id-Direttur tal-Istitut San Guzepp, il-Hamrun, l-"*utile dominju*" rimanenti ta' sebgha u tletin (37) sena mill-perjodu ta' disgha u disghin (99) sena, tal-fondi numru 38 u 39, Triq il-Kullegg, ir-Rabat, liema kuntratt kien debitament awtorizzat mill-Kapitolu Metropolitan;

2. Illi permezz ta' kuntratt ta' divizjoni datat it-13 ta' Frar, 1951, in atti tan-Nutar Dottor Francesco Catania, l-imsemmija Michele Bugeja u Michele Azzopardi qasmu l-proprjeta` ndikata fl-ewwel paragrafu billi Michele Azzopardi gie assenjat il-fond numru 38 fuq indikat, u Michele Bugeja gie assenjat il-fond l-iehor numru 39 fuq ukoll indikat kif deskritti f'relazzjoni u pjanta annessa tal-perit William Micallef in atti;

3. Illi fl-assenjazzjoni tal-arja jidher li l-perit Micallef ma kienx preciz u kien konsegwentement privatament inkarigat jiddividi z-zewg fondi – ghalkemm ma kienx debitament awtorizzat jaghmel hekk mill-Kurja Arciveskovili;

4. Illi la r-relazzjoni u lanqas il-pjanta annessi mal-istess kuntratt tat-13 ta' Frar, 1951, ma gew irrifmati mill-partijiet involuti fid-divizjoni in dizamina;

5. Illi l-istess Kurja qatt ma awtorizzat il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni in dizamina;

6. Illi permezz tal-kuntratt datat it-3 ta' Lulju, 1978, in atti tan-Nutar Dottor Sammy Abela, ic-cens relattiv ghall-fond numru 38 fuq indikat kien prorogat favur il-konvenuta Paola armla minn Michele Azzopardi ghall-

perjodu ta’ hamsin (50) sena ohra mill-15 t’Awwissu, 1988, biex b’hekk jigi li jiskadi fil-15 t’Awwissu, 2038;

7. Illi kif ordnata mill-Kurja fuq indikata ghal dan il-ghan indikat fil-paragrafu precedenti, il-konvenuta Paola Azzopardi talbet il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-atturi, liema kunsens u awtorizzazzjoni dawn qatt ma taw;

8. Illi permezz tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino datat il-15 ta’ Novembru, 1989, l-atturi fuq indikati xtraw il-fond numru disgha u tletin (39), Triq il-Kullegg, Rabat, bl-arja libera kollha tieghu kif indikat fil-pjanta annessa ma’ l-istess kuntratt minghand l-amministratur koncernat tal-istess Kurja fuq indikata;

9. Illi l-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti seta’ biss isir in konsegwenza tal-appozitu digriet moghti mill-Ufficcju Djocesan tal-Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili datat l-20 t’Ottubru, 1989, fejn il-bejgh de quo tal-fond 39 imsemmi gie deskritt li qed isir “bil-gustijiet u pertinenzi kollha tieghu kif jidher mill-pjanta tal-perit Joseph Falzon”, annessa mal-kuntratt tal-15 ta’ Novembru, 1989;

10. Illi ghandu jkun pacifiku li l-arja tal-kamra formanti parti mill-fond 39 fuq indikat qatt ma giet validament trasferita lill-konvenuti fuq indikati, izda giet mixtrija minflok mill-atturi odjerni flimkien mal-kumplament tal-arja tal-istess fond numru 39;

11. Illi ghalhekk il-konvenuti m’ghandhom l-ebda bazi valida fil-ligi biex ikomplu jivventilaw pretensjonijiet fuq l-arja tal-kamra in dizamina;

Illi in vista tas-suespost, l-atturi ghalhekk qed jitolbu lil din il-qorti biex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra tiddikjara li l-atturi huma proprjetarji assoluti tal-fond 39, Triq il-Kullegg, ir-Rabat, inkluza l-arja kollha sovrastanti;

2. Tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu validu fuq ebda parti mill-arja sovrastanti l-fond 39 fuq indikat;

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dokumenti kollha annessi mac-citazzjoni promotrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Dicembru, 2001, li permezz taghha sintetikament il-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna hi pregudikata bis-*res judicata* stante li din il-qorti diversament preseduta gia` ddecidiet il-vertenza odjerna fis-sentenza taghha fl-ismijiet Paola Azzopardi et vs Salvina Bugeja, datata s-27 ta' Mejju, 1998;

2. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-artikolu 2140 tal-Kodici Civili;

3. Illi fi kwalunkwe kaz id-dritt tal-eccepjenti fuq l-arja tal-kamra mill-fond tal-atturi pprevena lill-awtur taghhom u sussegwentement lilhom, u dan, in forza ta' kuntratt ta' divizjoni datat it-13 ta' Frar, 1951, li ssokta skont il-kuntratt tat-3 ta' Lulju, 1976, mad-direttarji wara l-eghluq tal-koncessjoni enfitewtika originali;

4. Illi dawn il-kuntratti mhux qed jigu mpunjati permezz ta' din il-procedura;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

Rat ir-rikors tal-atturi datat is-7 ta' Jannar, 2002, li permezz teighu talbu r-rikuza ta' gudikant assenjat;

Rat id-digriet ta' din il-qorti datat it-8 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu laqghet it-talba attrici ndikata fil-paragrafu precedenti u konsegwentement astjeniet milli tkompli tisma' l-kaz;

Rat ir-rikors datat l-20 t’Awwissu, 2002, li permezz tieghu il-konvenuti talbu li jigu legittimati l-atti stante li l-konvenuta Paola Azzopardi mietet fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-28 t’Awwissu, 2002, li permezz tieghu laqghet it-talba ndikata fil-paragrafu ta’ qabel dan;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta’ Jannar 2004, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-konvenuti ntavolata permezz tal-verbal tal-abbli rapprezentant legali taghhom fit-13 t’Ottubru, 2003, u konsegwentement ordnat l-allegazzjoni bl-atti tal-kawza fl-ismijiet Azzopardi vs Bugeja, Citazzjoni Numru 1300/96, deciza minn din il-qorti diversament preseduta fis-27 ta’ Mejju, 1998;

Rat il-verbal datat it-13 ta’ Jannar, 2005, li permezz tieghu jirrizulta li mietet l-attrici Catherine Bugeja u li allura kien jehtieg li jsir il-trasfuzjoni tal-gudizzju;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta li permezz tieghu ordnat li l-eccezzjoni rigwardanti r-*res judicata* tigi trattata  u deciza flimkien mal-meritu;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-28 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma’ l-provi li kien ghad fadal;

Rat il-verbal tal-istess assistent gudizzjarju datat l-4 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu irritornat il-process de quo biex il-kawza tkun tista’ tipprocedi quddiem din il-qorti kif preseduta;

Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-3 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jeffettwaw is-sottomissjonijiet finali taghhom kemm b’mod skritt kif ukoll verbalment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali fuq riferiti rispettivament datati t-30 ta’ Dicembru, 2011, u t-8 ta’ Mejju, 2012;

Rat id-digriet taghha datat it-22 ta’ Mejju, 2012, li permezz tieghu wara talba ghall-istess mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, u dan, b’riferenza wkoll ghad-digriet taghha diversament preseduta datat is-26 ta’ Jannar, 2004, fuq gia` riferit, li permezz tieghu ordnat l-allegazzjoni tal-atti hemm indikati;

Rat l-atti allegati ndikati fil-paragrafu precedenti;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat ix-xhieda kollha mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju nominata;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali de quo;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna kif esposti mill-atturi, jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-vertenza odjerna tirrigwarda l-arja sovraposta fuq proprjeta` f’idejn terzi kif tajjeb espost mill-atturi fic-citazzjoni promotrici u kif sintetikament kompilata aktar qabel fl-espozizzjoni tal-istess;

2. Illi l-atturi jikkontendu li tali arja tappartjeni lilhom, a bazi tal-kuntratt in atti tan-Nutar Pullicino fuq gia riferit datat il-15 ta’ Novembru, 1989;

3. Illi stante li l-kuntratt tat-13 ta’ Frar, 1951, ma kellux il-“*fiat*” u debita awtorizzazzjoni tal-Kurja allura dan jirrizulta li fil-fatt hu ineffettiv;

4. Illi ghalhekk l-atturi jirrikjamaw il-proprjeta` tal-arja in dizamina u jitolbu l-avall ta' din il-qorti in vista tal-premess;

Ikkunsidrat:

Illi minn naha l-ohra l-fatti kif esposti mill-konvenuti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi effettivament il-vertenza odjerna gia` giet epurata u deciza b'mod konklussiv minn din l-istess qorti ghalkemm ovvjament diversament preseduta;

2. Illi in effetti in sostenn ta' din l-ewwel eccezzjoni preliminari l-konvenuti pprezentaw in atti – ghalkemm mhux l-atti kollha tal-process kif debitament ordnati – is-sentenza nformi in dizamina datata s-27 ta' Mejju, 1998, (ara fol 87 et sequitur);

3. Illi kif isostni ben tajjeb ir-rapprezentant legali tal-konvenuti, biex jigi assodat il-principju tac-certezza tad-dritt, ir-rekwiziti rikjesti in sostenn ta' tali eccezzjoni huma li s-sentenza rikjamata trid necessarjament tolqot:

i. l-istess persuni;

ii. l-istess oggett; u

iii. trid tkun ukoll indirizzata fuq l-istess kawzali;

4. Illi tenut kont tal-provi prodotti tul il-perjodu ta' hdax (11) –il sena li ilha pendenti din il-procedura jirrizulta assodat li t-tlett rekwiziti gew sodisfatti kif epurat fl-istess nota tal-konvenuti fil-paragrafi 12 u 13 tal-istess, (ara fol 291);

5. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari ulterjuri rigwardanti l-preskrizzjoni dicennali sollevata mill-konvenuti ghandu jinghad is-segwenti:

i. Illi l-artikolu 2140 tal-Kap 16 jistabbilixxi li kull min in bona fidi jippossjedi immobbli ghal zmien ghaxar (10) snin, jakkwista l-proprjeta` taghha;

ii. Illi dan il-pussess irid ukoll ikun kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku tul l-imsemmi perjodu koncernat;

6. Illi r-rekwiziti rikjesti hawn sintetikament elenkati kollha jirrizultaw favur il-konvenuti;

7. Illi di piu`, mix-xhieda prodotta l-allegazzjonijiet attrici ma jirrizultax li kienu gew avallati u sostenuti ufficcjalment kif rikjest mill-Kurja Arciveskovili u konsegwentement, l-allegati drittijiet minnhom vantati qatt ma gew debitament mghoddija lilhom skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami approfondit tar-rizultanzi riskontrati in atti jirrizulta a sodisfazzjoni tal-qorti li l-espozizzjoni sottomessa mill-konvenuti tirrizulta legalment u fattwalment sostenibbli filwaqt li dik tal-atturi ma tirrizultax li hi avallata jew sostenuta mid-dirett dominju nvolut – il-Kurja – stante li din ma jirrizultax li tat il-“barka” ufficcjali taghha ghall-allegazzjonijiet hawn mill-gdid vantati mill-atturi;

Ghaldaqstant din il-qorti, wara li ezaminat ir-rizultanzi in atti fit-tul u fid-dettal ma tistax legalment tkun konvinta mit-tezi attrici, u minflok tirrileva s-segwenti:

1. Illi in effetti l-meritu tal-procedura odjerna gia` gie konklussivament deciz minn din il-qorti diversament preseduta permezz tas-sentenza taghha datata s-27 ta’ Mejju, 1998, fuq gia` riferita b’mod estensiv;

2. Illi di piu`, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dicennali sollevata mill-konvenuti hi wkoll pruvata a sodisfazzjoni ta’ din il-qorti;

3. Illi aktar minn hekk, il-bazi attwali tal-azzjoni odjerna tal-atturi li d-dritt minnhom vantat kien gie effettivament avallat mill-Kurja Arciveskovili effettivament ma jirrizultax, anzi, mix-xhieda tal-ekonumu tal-istess, jirrizulta l-kuntrarju;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti, filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha attrici, takkolji t-talbiet kollha tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-atturi.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------